**TARXIEN**

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

## Minuti Laqgħa Nru. 29/06

* **Il- laqgħa Nru 29/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar l-Erbgħa 23 ta' Marzu 2011 fis-5.30pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien.** Data u hin

** **Preżenti għal-Laqgħa:**

Attendenza

| | |
|---|---|
| Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ | Sindku |
| Is-Sur F. Agius | Viċi Sindku |
| Is- Sur L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsillier |
| Is-Sur K. Darmanin | Kunsillier |
| Is-Sinj. C. Lanzon | Kunsillier |
| Is-Sur I. Dalli | Kunsillier |
| Is-Sinj. M. Pisani | A/Segr. Eżekuttiv |

*** **Is-Sindku, l-Kav. P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

**1.0** ***Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 28/06 (23/02/2011)***

1.1 Il-Minuti tas-Seduta 28 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkolati minn qabel.

1.2 Dawn ġew approvati nem.con u ffirmati u inizjalati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**2.0** ***Kommunikazzjoni mis-Sindku***

2.1 Is-Sindku rrefera għall-ħatra tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv u nforma li fil-jiem li għaddew saret laqgħa l-HSBC biex ġew mibdula l-firem. Laqgħa HSBC

**2.2** Is-Sindku rrefera għall-proġett ta' Triq Birbixkilla u nforma li t-Transport Malta għadhom ma ħarġux il-permessi sabiex il-parti pavimentata tkun pedonali. Triq Birbixkilla

2.21 Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-*bollards* inxtraw u ser jitwaħħlu peress li dawn diġa' kienu eżistenti.

**2.3** Dwar il-*Bus Shelters* il-Kunsill ġie nfurmat li s-*surveys* saru u nbeda' x-xogħol fuq dak ta' Triq iż-Żejtun. *Bus Shelters*

**2.4** Is-Sindku rraporta li saret spezzjoni mill-MEPA minħabba l-*compliance certificate* u rriżulta li kien hemm bokka nieqsa fil-pjanta tax-*shelter*. Għaldaqstant il-MEPA bgħatet lura l-applikazzjoni biex tiġi aġġornata l-pjanta. Il-Kunsill ġie nfurmat li ser issir laqgħa mal-Perit C. Mintoff biex issir waħda ġdida. Pjanta tax-*Shelter*

2.4.1 Huwa nforma wkoll li se ssir talba lill-Enemalta għall-provista ta' dawl temporanju. Is-Sindku ħa l-inkarigu li jindaga ma xi entitajiet dwar il-possibilta' li nisselfu kaxxa għad-dawl.

2.4.2 Huwa nforma ukoll li mal-bibien tax-*shelters* twaħħlu *"stays" tal-istainless steel* biex iżommu l-bieba miftuħa.

**2.5** Is-Sindku nforma li għad m'hemmx żvilupp dwar l-applikazjoni li qed tinħadem mal-MEUSAC dwar il-proġett tax-*shelter*. Applik. MEUSAC - *Shelter*

**2.6** Il-Kunsill reġa' ġie nfurmat li għad m'hemm l-ebda risposta dwar il-ħaddiem tal-IPSL. IPSL

**2.7** Is-Sindku nforma li għad m'hemm l-ebda' żvilupp dwar il-każ tal-5 a*side ground.* 5-aside

**2.8** Is-Sindku rrefera għat-talba tar-*resurfacing* u nforma li għad m'hemm l-ebda risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Resurfacing

2.8.1 Huwa spjega wkoll il-problema li hemm dwar il-bdil tas-servizzi u qal li dwar din il-materja jrid jintlaħaq ftehim bejn il-Gvern u l-W.S.C.

**2.9** Dwar il-proġett ta' tisbiħ ta' Sqaq Santa Marija s-Sindku qal li jridu joħorġu t-*tenders*. Sqaq Santa Marija

**2.10** Is-Sindku nforma li l-proġett ta' l-Awtorita' tad-Djar "Nsaħħu l-Komunita', Riġenerazzjoni fl-Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern", ġie approvat u jrid jiġi mplimentat fis-sena 2012. *"Nsaħħu l-Komunita' – Rigenerazzjoni fl-Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern"*

2.10.1 Dwar l-iskema "Programm ta' manutenzjoni fil-komun tal-binjiet tal-Gvern 2011-2016" il-Kunsill ġie nfurmat li jridu jintagħżlu għaxar blokki ta' flats biex issirilhom il-manutenzjoni din is-sena. *Programm Manutenzjoni fil-Komun tal-binjiet tal-Gvern*

**2.11** Dwar il-pavimentar ta' l-Isqaq Santa Marija s-Sindku nforma li l-MEPA qed titlob li ssir *full application* u mhux D.N.O. peress li din iż-żona qiegħda f'UCA *(urban conservation area).* *MEPA*

**2.12** Dwar l-istedina mis-Sindku ta' Godeni biex xi persuni jipparteċipaw fis-Citizen's Meeting il-Kunsill ġie nfurmat li għad m'hemmx pjan konkret dwar din iż-żjara. Stedina Sindku ta' Godeni

**2.13** Is-Sindku nforma li għad m'hemmx risposta dwar it-talba lit-Transport Malta biex Triq San Ġużepp issir *one way*. Talba – Triq San Guzepp "One Way"

**2.14** Is-Sindku rrefera għall-proġett ERDF 213 – *Sustainable Tourism in a Village of Culture & Heritage*. Huwa nforma li saret laqgħa mal-PPCD u fil-jiem li ġejjien se ssir laqgħa mal-Perit biex jinbeda' l-proċess ta' l-implimentazzjoni. *Sustainable Tourism in a Village of Culture & Heritage*

2.14.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li, l-konferenza stampa li se ssir mis-Segretarju Parlamentari Chris Said dwar il-proġetti tal-ERDF u li fihom hemm ħames Kunsilli nvoluti, se ssir f'Ħal Tarxien.

**2.15** Dwar il-bini ta' kamra fid-Dar tal-Kejka s-Sindku nforma li l-ħitan tlestew u issa nbeda' ix-xogħol fuq is-saqaf. Bini ta' Kamra – Dar tal-KEJKA

**2.16** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-iskrivana Antonella Galea bdiet taħdem 30 siegħa fil-ġimgħa. Is-Sindku qal li peress li bħalissa għandna diversi proġetti u xogħlijiet li jinvolvu ħafna xogħol din qiegħda taħdem anke iżjed mit-30 siegħa msemmija. Skrivana Antonella Galea

2.16.1 L-A/Segretarju Eżekuttiv qalet li din l-iskrivana qed tagħmel effort kbir biex l-amministrazzjoni tal-Kunsill tibqa' mixja tajjeb u b'mod effiċjenti.

**2.17** Is-Sindku nforma li tkellem mal-Kappillan dwar l-attivita' tat-tberik ta' l-annimali u kien hemm qbil li din issir wara l-ewwel ta' Mejju. Tberik ta' l-annimali

**2.18** Dwar il-pubblikazjoni tal-ktieb (b'kitbiet dwar personaġġi fir-raħal) is-Sindku nforma li l-Viċi Sindku qed jieħu ħsieb il-koordinament tiegħu. Pubblikazzjoni tal-Ktieb

**2.19** Is-Sindku nforma li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali talab *site plan* taż-żona fejn saret rikjesta għad-devoluzzjoni ta' l-art fi Triq Ħal Luqa. Huwa qal li din intbgħatet u ntbgħat ukoll *aerial view* ta' l-*area.* Art-Triq Ħal Luqa

**2.20** Is-Sindku nforma li nxtrat xi għamara għall-uffiċju mingħand is-Sur L. Spiteri. Xiri ta' Għamara

**2.21** Inqrat l-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-każ tal-ġardinar. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel unanimament li nimxu mad-deċizzjoni oriġinali. Każ tal-Ġardinar

**2.22** Is-Sindku nforma bl-approvazzjoni tat-Transport Malta ta' *speed limit signs* fi Triq Santa Marija u mhux it-talba tal-Kunsill għal 'traffic calmers". Speed limit signs

**3.0** ***Affarijiet Finanzjarji***

**3.1** L-Iskeda ta' pagamenti ġiet approvata unanimament mill-Kunsill.

**3.2** Il-Kunsill approva s-somma ta' €150 fix-xahar biex tintuża bħala *petty cash*.

**3.3** Il-Kunsill unanimament approva li l-poloz tas-sigurta' jerġgħu jiġġeddu mal-MELITA UNIPOL.

**3.4** Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kumpanija tal-Accountants MAZARS, li diġa' qed jagħtu servizz lill-Kunsill, jiġu mitluba jagħtu Rapport Finanzjarju regolari lill-Kunsill Lokali kif tistipola l-liġi.

**4.0** ***Tiġdid ta' Kuntratt***

4.1 Il-Kunsill unanimament approva t-tiġdid tal-Kuntratt tar-*Resufacing* tat-Toroq li kien ingħata lill-Polidano Bros.

**5.0** ***Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri***

**5.1.0** ***Is-Sur F. Agius – Viċi Sindku***

5.1.1 Dwar il-gift voucher mit-TCTC il-Viċi Sindku rraporta li qed jaħdem fuqu.

5.1.2 Huwa rrapporta wkoll li fil-fuljett tal-Kunsill se jiġi nkorporat avviż bil-korsijiet tal-ECDL. Il-Viċi Sindku qal li dan se jkun offrut lir-residenti ta' Ħal Tarxien u l-ewwel għoxrin se jingħataw il-lezzjonijiet biss b'xejn fuq bażi ta' *first come first serve*. Huwa qal li dan qed jiġi offrut bħala pakkett li jinkludi l-lezzjonijiet, il-*mock test* u l-eżami għall-liċenzja.

5.1.3 Dwar il-korsijiet ta' filgħaxija tal-Malti għall-adulti l-Viċi Sindku qal li l-parteċipazzjoni hija ferm fqira u probabbli li dawn jispiċċaw.

5.1.4 Dwar l-attivita' "Epoka" il-Viċi Sindku qal li l-preparamenti mexjin.

5.1.5 Il-Viċi Sindku qal li fil-jiem li ġejjien se jinħareġ avviż dwar il-kompetizzjoni tal-figolli.

5.1.6 Dwar il-konkors letterarju għal Jum Ħal Tarxien huwa qal li qed isiru l-preparamenti meħtieġa.

**5.2.0** ***Is-Sinj. C. Lanzon***

5.2.1 Il-Kunsillier C. Lanzon irrapurtat li l-laqgħa li jmiss ser issir fl-1 ta' April 2011 fis-6.30 ta' fil-għaxija bit-tema "Żwieġ b'Saħħtu".

**5.3.0** ***<u>Is-Sur K. Darmanin</u>***

5.3.1 Il-Kunsillier K. Darmanin irraporta dwar il-laqgħa tan-*Neighbourhood Watch Area* 13 -16. huwa nforma wkoll li f'Jum Ħal Tarxien se jingħata ċertifikat lill-ko-ordinaturi.

5.3.2 Huwa rrapporta wkoll dwar il-laqgħa li saret mis-SEDQA dwar il-*bullying*. Il-Kunsillier Darmanin informa li laqgħa oħra għaż-żgħażagħ se ssir l-Erbgħa 6 ta' April 2011 fis-6.30 ta' filgħaxija fid-Dar tal-Kejka. It-tema tal-laqgħa se tkun *"Technological Addiction".*

**5.4.0** ***<u>Is- Sinj. D. Vella</u>***

5.4.1 Il-Kunsillier D. Vella tat rendikont tal-attivita' li saret fil-Vivaldi Hotel.

5.4.2 Hija ppreżentat ukoll lista ta' attivitajiet li se jsiru fix-xhur li ġejjien.

5.5.0 ***<u>Is-Sindku Kav. P. Farrugia</u>***

Is-Sindku ta rendikont tal-ħarġa ma' l-Anzjani – Coffee Morning fil-*Buon Apetito*

**6.0** ***<u>Għeluq u Aġġornament tal-Laqgħa</u>***

6.1 Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' fil-għaxija.

6.2 Sar aġġornament għal nhar l-Erbgħa 27 ta' April 2011 fil-5.30 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| **Sinj. Marisa Pisani** | **Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ** |
| **A/Seg. Eżek.** | **Sindku** |
| 19/01/2011 | |

min-laq-29-06 (23 Mar 2011)/cm,